**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Marzu, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1202/2011 AF**

**Roland Darmanin Kissaun**

**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2014 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Maria Dolores Darmanin Kissaun bhala l-eredi universali tal-attur Roland Darmanin Kissaun li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Blade One Yachts Limited socjetà registrata Malta (Nru. ta' registrazzjoni C-49440)**

**u**

**Peter u Yvonne konjugi Moore (Passaport Nru. 800241474 u 093100757 rispettivament)**

**u b'digriet tat-13 ta' April 2012 Dr. Noel Bartolo u PL Hilda Ellul Mercer gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil assenti intimati Blade One Yachts Limited u Peter u Yvonne konjugi Moore u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2012 gew estromessi Dr. Noel Bartolo u PL Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lil Peter u Yvonne konjugi Moore u minflok jidhol Dr. Anthony Galea bhala mandatarju specjali tal-konvenuti Peter u Yvonne konjugi Moore**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Roland Darmanin Kissaun, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-attur Roland Darmanin Kissaun f'April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie avvicinat minn certu Thomas Knott li ddikjara li hu agent tas-socjetà *MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi* (MTH) u l-konvenuti Yvonne u Peter konjugi Moore u li kien qieghed jagixxi ghan-nom taghhom.

Permezz ta' email datat 13 ta' April 2010, hawnekk anness bhala **DOK RDK 1,** Thomas Knott, talab lill-attur Darmanin Kissaun sabiex jirregistra kumpanija Maltija ai termini tal-*Merchant Shipping Regulations* bl-isem ta' Blade One Yachts Limited, Numru ta' Registrazzjoni C49440. Illi l-ghan principali wara r-registrazzjoni tas-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited kien sabiex *bastiment* bl-isem ta' 'Blade 1', gja maghruf bhala 'Panthera 80 GT', jigi trasferit lis-socjetà Maltija u sussegwentement jigi registrat taht il-bandiera Maltija.

Qabel ma giet nkorporata din is-socjetà, l-attur Roland Darmanin Kissaun talab lil Thomas Knott, biex jipprovdilu d-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex ikun jista jipprocedi

bir-registrazzjoni tal-kumpanija. Fost affarijiet ohra, l-attur Roland Darmanin Kissaun, talab lill-agent Thomas Knott sabiex jindika minn kienu ser ikunu id-diretturi u l-individwi li ser ikollhom ishma f'din is-socjetà. Apparti din l-informazzjoni l-attur talab lil Knott sabiex ifornilu kopji ta' passport flimkien ma' referenzi bankarji, *character reference*, u *utility bill* ta' l-azzjonisti f'din is-socjetà.

L-agent Thomas Knott, informa lill-attur li r-registrazzjoni ta' din is-socjetà kienet wahda urgenti u ma kienx hemm hin bizzejjed sabiex jipprovdi dawn id-dokumenti kollha. Ghalhekk hu talab lill-attur Roland Darmanin Kissaun sabiex joqghod hu personalment bhala l-azzjonista flok il-klijenti tieghu biex ikollu bizzejjed zmien sabiex jakkwista dawn id-dokumenti.

Thomas Knott kien indika li ghalkemm il-klijenti tieghu huma l-konvenuti Peter u Yvonne Moore flimkien ma MTH, originarjament l-azzjonisti kellhom ikunu certu Dr. Hans Wilhelm Kamm flimkien ma MTH u li rispettivament kienu ser jzommu 80% u 20% ta' l-azzjonijiet fis-socjetà kovenuta Blade One Yachts Limited.

Is-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited, giet registrata fir-Registru tal-Kumpaniji fil-21 ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Vide Dok RDK 2**). L-Attur ircieva wkoll struzzjoni sabiex jappunta li Dr. Hans Wilhem Kamm bhala d-direttur tal-kumpanija, però f'Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) huwa ircieva struzzjonijiet sabiex Dr. Hans Wilhem Kamm jinqala' bhala Direttur u l-attur joqghod minfloku. Dan it-tibdil gie registrat fir-Registru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Ftit wara li saret ir-registrazzjoni tas-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited, l-attur Roland Darmanin Kissaun beda jircievi d-dokumentazzjoni sabiex jitlahqu l-iskopijiet ta din il-kumpanija, cioè li l-*bastiment* ikun registrat fuq din il-kumpanija u jakkwista registrazzjoni kummercjali taht il-bandiera Maltija. Fost dawn id-dokumenti kien hemm *Bill of Sale* datat 28 ta' April 2010, hawnhekk anness bhala **Dok RDK 3** li huwa l-istrument legali sabiex gie trasferit l-*bastiment* 'Pantera 80 GT' li sussegwentement l-isem gie mibdul ghal 'Blade I'. Il-*Bill of Sale*

kien bejn l-konvenuti konjugi Moore, li f'dan id-dokument huma maghrufin bhala '*the Transferors*' u s-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited, maghrufa bhala '*the Transferees*'. Il-*Bill of Sale* esplicitament jistipula s-segwenti "*Further, We, the said Transferors for ourselves and our successors covenant with the said Transferee(s) and (c) Their assigns that we have power to transfer in manner aforesaid the premises herein before expressed to be transferred and that the same are free from emcumberances.*"

Apparti l-Bill of Sale giet mghoddija wkoll dikjarazzjoni, mhux datata, mill-konvenuti Peter u Yvonne konjugi Moore, hawnhekk anness bhala **Dok RDK 4**, li jistipula "*We Yvonne and Peter Moore of 52 Calico Quay Canal Point Grand Cayman British West indies (Cayman Island) would like to state and declare that Pantera 80 GT to be now called Blade I has not been registered anywhere since purchased on the 9th of September 2009 until today.*"

Dokument iehor li gie mghoddi mill-konvenuti lil Darmanin Kissaun kien il-*Builders Certificate* mahrug minn MTH a favur il-konjugi Moore, hawnhekk anness bhala **Dok RDK 5**. Dan id-dokument jistipula "*We MTH Yachting A.S Hereby certify that we did Build in our shipyard at trade Free Zone Antalya/Turkey The Vessel of the following description...MY Pantera 80 GT, 81% of the Boat completed in Pantera moulding BY Shipyard/Netherlands on 2007. But upon bankruptcy of the Company. MY Pantera 80 GT moved to the Neptunus Shipyard / Netherlands and 2% of the Boat Finished here. Finally moved to MTH Yachting A.S. Antalya Free Zone/Turkey and 17% of the Boat is totally completed in here at 9th September 2009. We further certify that we did build the aforementioned ship on behalf of Yvonne and Peter Moore.*"

L-attur Roland Darmanin Kissaun jaghmel referenza wkoll ghal dokument iehor li gie mghoddi lilu mill-konvenuti, cioè l-*Protocol of Delivery and Acceptance*, hawnhekk anness bhala **Dok RDK 6**. F'dan id-dokument hemm iddikjarat "*[Seller] of [address of seller] (the sellers) deliver to [Buyer] of [address of buyer] (the "Buyers") the vessel described below and the Buyers accept delivery of, title and risk to the Vessel pursuant to the terms and*

*conditions of the Memorandum of Agreement dated [date] made between the Sellers and the Buyers."* F'dan id-dokument is-socjetà MTH hija maghrufa bhala 'Seller' waqt il-konjugi Moore huma maghrufin bhala 'Buyers'. Id-dokument huwa datat 12 ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u hija biss ffirmata minn rapprezentant ta' MTH.

Apparti dan kollu l-konjugi Moore hargu ukoll fattura ta' miljun u disa' mitt elf Euro (€1,900,000) fil-konfront tas-socjetà konvenuta liema valur jirraprezenta il-valur ta' l-imsemmi bastiment, hawnhekk annessa bhala Dok **RDK 7**.

B'dawn id-dokumenti fost dokumenti ohrajn l-attur Roland Darmanin Kissaun li dak iz-zmien kien l-azzjonista u sussegwentement direttur tas-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited niehda l-process sabiex il-*bastiment* Blade I, gja maghrufa bhala Pantera 80 GT, li gie trasferit lis-socjetà Blade One Yachts Limited, jakkwista registrazzjoni taht il-bandiera Maltija. Mandanakollu dak kien qieghed isir bil-premessa li l-*bastiment* 'Blade I' gie trasferit permezz tal-Bill of Sale validu datat 28 ta' April 2010.

Wara li l-imsemmija bastiment akkwista registrazzjoni taht il-bandiera Maltija, l-attur Darmanin Kissaun ircieva struzzjonijiet minn Thomas Knott, li kif già gie spjegat hawn fuq kien l-agent tal-konvenuti MTH u konjugi Moore, sabiex jittrasferixxi l-ishma fis-socjetà Blade One Yachts Limited minn l-attur innifsu lil konvenuti konjugi Moore. Illum dan it-trasferiment qed jigi kontestat minn MTH u Panther Yachting LLC, kumpanija ta' l-istess MTH registrata f'Delaware billi MTH qeghda tikkontesta dan it-trasferiment, permezz ta' kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bl-ismijiet MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirket et v. Peter u Yvonne konjugi Moore et, Rikors Numru 662/2011 LFS liema kawza hija pendenti **(Vide Dok RDK 8)**.

Illum jirrizulta li meta sar l-imsemmi Bill of Sale datat 28 ta' April 2010 ghat-trasferiment tal-*bastiment* Blade I, gjà maghruf bhala 'Panthera 80 GT', lis-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited, l-*bastiment* ma kienx jifforma parti mill-assi ta' Peter u Yvonne konjugi Moore kif iddikjarat fil-Bill of Sale u ghalhekk kif ser jirrizulta mis-segwenti fatti u fis-smiegh tax-xhieda ta' din il-

kawza s-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited qatt ma setghet takkwista l-imsemmi bastiment ghax qatt ma kienet il-proprjetà tal-konjugi Moore.

Il-*bastiment* kien originarjament registrat f'George Town, taht in-numru ta' registrazzjoni 158 fis-sena elfejn u sitta (2006) u dan kif jirrizulta minn *Bill of Sale,* datat 26 ta' Ottubru 2007 (**vide Dok. RDK 9**) fejn il-konvenuti Peter u Yvonne Moore ittrasferixxew l-istess bastiment lil socjetà fid-Delaware l-Istati Uniti, bl-isem ta' Eurotrade LLC. Wara li sar it-trasferiment lis-socjetà Eurotrade LLC, il-bastiment gie registrat fl-istat ta' Delaware l-Istati Uniti, taht in-numru ta' registrazzjoni DL1480AB, liema fatt johrog mid-dokument hawnhekk anness bhala **Dok RDK 10**. Sussegwentement fit-23 ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-bastiment, gie trasferit mis-socjetà Eurotrade LLC lil socjetà ohra, bl-isem ta' Panther Yachting LLC u dan kif jirrizulta mid-dokument hawnhekk anness bhala **Dok RDK 11**. Ma dan l-ahhar trasferiment il-bastiment baqa' registrat fuq l-istess registru ta' Delaware l-Istati Uniti u sal-lum ghadu registrat hemmhekk.

Wara li l-konvenuti Peter u Yvonne Moore akkwistaw l-ishma fl-Blade One Yachts Limited, huma ittrasferrew il-bastiment a favur ta' socjetà registrata fil-British Virgin Islands bl-isem Stortford Overseas Limited. Fl-istess hin biddlu l-isem tal-bastiment ghal 'Liquid Blue'.

Il-fatti f'premessi numru 14 u 15 kienu ikkonfermati minn MTH u Panther Yachting Limited fl-imsemmi rikors guramentipprezentat kontra l-attur Darmanin Kissaun fejn iddikjaraw s-segwenti: *"In fatti giet ffirmata Bill of Sale da parti tal-konjugi Moore a favur ta' Eurotrade LLC, socjetà assocjata ta' MTH u l-partijiet ftehmu ukoll li jigi attribwit valur ta' €2,000,000 fil-qafas tal-prezz patwit fil-kuntratti hawn fuq riferiti. Imbaghad Eurotrade LLC ttrasferiet l-imsemmi yacht fuq kumpannija ohra li twaqqfet appositament (one ship company) u li ukoll hija socjetà assocjata ta' MTH bl-isem Panther Yachting LLC u saret registrazzjoni gewwa Delaware f'isem l-istess Panther Yachting LLC. L-ebda Bill of Sale ma gie ezegwit min Eurotrade LLC a favur ta' Panther Yachting LLC."* (Premessa numru 2 Rikors Guramentat 662/11 LFS).

F'Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) is-socjetà Panther Yachting LLC istitwixxiet azzjoni in rem fil-konfront tal-bastiment 'Liquid Blue' li kien l-isem il-gdid tal-bastiment 'Blade I' wara li sar it trasferiment lil Strotford Overseas u fl-istess hin irnexxiela tarresta l-bastiment f'San Remo l-Italja fuq il-premessa li dan jifforma parti mill-proprjetà ta' Panther Yachting LLC (Vide **Dok RDK 12**). Apparti dan ma jirrizultax li kien hemm trasferiment bejn is-socjetà Panther Yachting LLC u Peter u Yvonne konjugi Moore u ghalhekk il-konvenuti Moore ma setghux ikunu f'posizzjoni li legalment jittrasferixxu dan il-bastiment lis-socjetà Blade One Yachts Limited kif sar permezz tal-Bill of Sale datat 28 ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

L-attur Roland Darmanin Kissaun fil-kapacità tieghu bhala azzjonista u direttur tas-socjetà konvenuta Blade One Yachts Limited ma kienx konsapevoli tal-fatti li jirrigwardjaw it-titolu tal-bastiment Blade I, billi dawn il-fatti gew mohbija minnu u baqa' ma giex a konoxxenza taghhom hlief recentement. Infatti din l-informazzjoni giet ghal gharfien tieghu xhur wara li hu ttrasferixxa l-ishma li kien qieghed izzomm fl-imsemmija socjetà.

Ghalhekk l-konvenuti Moore approfittaw minn nuqqas ta' informazzjoni, anzi mill-informazzjoni falza li kellu l-attur Darmanin Kissaun sabiex b'mod illecitu u llegali jittrasferixxu l-bastiment fuq socjetà b'sede hawn Malta bl-iskop li jakkwistaw finanzjament ghalll-istess bastiment peress kien ghad fadal bilanc dovut lil MTH li qedgha ssostni li ezegwiet xi xogholijiet fuq l-imsemmi bastiment. Dan il-fatt kien ikkonfermat minn MTH fl-imsemmi rikors gurament ipprezentat kontra l-attur Darmanin Kissaun fejn iddikjarat s-segwenti: "*Illi f'dan l-istadju MTH u l-konjugi Moore kkundsidraw alternativ sabiex Moore jkunu f'qaghda li* ***jiksbu self minn bank kummercjali biex jigi saldat kemm id-dejn akkumulat mix-xogholijiet ezegwiti fuq Blade kif ukoll pagamenti ohra dovuti a tenur tal-kuntratti milhuqa ma MTH dwar kostruzzjoni ta' bastimenti godda****. Malta giet ghalhekk identifikata bhala gurisdizzjoni li setghet toffri registrazzjoni ta' struttura li setghet tiffacilita l-ksib ta' finazjament*."

Madanakollu s-socjetà MTH ghenet lill-konjugi Moore sabiex dan it-trasferiment illegali jsir u dan johrog mill-fatt li l-Builders Certificate ta' l-istess *bastiment* inhareg diversi drabi meta suppost dan ghandu jinhareg darba biss meta l-kostruzzjoni tal-*bastiment* titlesta. Dan il-fatt kien ikkonfermat minn MTH fl-imsemmi rikors guramentipprezentat kontra l-attur Darmanin Kissaun fejn iddikjarat s-segwenti: *"Illi ghalhekk MTH intalbet tohrog "builder's certificate" sabiex jintuza ghall-iskop li l-imsemmi yacht jigi registrat hawn Malta provizorjament izda bl-intendiment li l-yacht jibqa' fil-propjeta ta' MTH."* B'dan il-*modus operandi* l-'*Builder'sCertificate*' gdida kienet ser thaffef ir-registrazzjoni tal-bastiment hawn Malta bil-konsegwenza li l-finanzjament li kellu bzonn Moore mill-bank kienet ser tkun facilitata.

Jirrizulta li l-bastiment, qabel ma gie mibjugh lil Eurotrade LLC u registrat f'Delaware, originarjament kien gie registrat gewwa George Town (reg. Nru 158) fis-sena 2006. Ghaldaqstant huwa car li biex saret ir-registrazzjoni gewwa George Town kien hemm bzonn ta' tali dokument maghruf bhala *builder's certificate*. Fil-fatt inhareg *builder's certificate* datat 14 ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) mis-socjetà Panter Power Yachts **(Vide Dok. RDK 13)**. L-attur Darmanin Kissaun ma kienx konsapevoli b'dan il-*builder's certificate* u sar jaf bih meta gie notifikat bid-dokumenti tal-kawza MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirket et v. Peter u Yvonne konjugi Moore et, Rikors Numru 662/2011 LFS.

Il-konjugi Moore kienu pprezentaw lill-attur Darmanin Kissaun, '*builder's certificate*' mahruga minn MTH li jiddikjara li l-bini tal-bastiment tlesta fid-9 ta' Settembru 2009 (Vide Dok. RDK 13), liema dokument jikkontrasta bil-kbir mal-*builder certificate* originali li ddikjara li il-bini ta' l-istess bastiment tlesta fis-sena 2006 peress id-dokument huwa datat 14 ta' Gunju 2006. Wiehed jassumi li dan sar bl-iskop li jgharraq lill-attur Darmanin Kissaun u sabiex jinghatalu l-impressjoni li l-bastiment kien gdid. Mhuwiex lanqas car a bazi ta' liema provvedimenti legali MTH Yatcilik Sanayi VE Ticaret Anonim Sirketi hargu *builder's certificate* favur il-konjugi Moore meta sid il-bastiment kienet is-socjetà Panther Yachting LLC u mhux il-konvenuti. Apparti dan kollu jekk MTH ezegwiet xi xogholijiet fuq l-imsemmi bastiment,

din is-socjetà missha harget fattura ghal dawn l-istess xogholijiet u mhux '*builder's certificate*' gdida. Dan isahhah l-argument li l-iskop principali tal-'*builder's certificate*' gdida kienet sabiex il-konjugi Moore jakkwistaw finanzjament mill-bank.

Ghalhekk l-ghemil doluz tal-konvenuti jgib in-nullità tal-istrument legali li ntuza sabiex il-bastiment mertu ta' din il-kawza gie trasferit lis-socjetà Blade One Yachts Limited, u li dak iz-zmien, meta gie ffirmat il-Bill of Sale, l-attur Roland Darmanin Kissaun kien l-azzjonista u r-rapprezentant legali tal-imsemmija socjetà. Apparti minn dan kollu ghalkemm is-socjetà konvenuta MTH fil-kawa 662/11LFS qeghda tiddikjara li ma kienitx konsapevoli ta' dan kollu xorta wahda harget *Builders Certificate* gdid, liema fatt jsahhah it-tezi attrici.

L-ghemil doluz tal-konvenuti aparti li gab in-nullità tal-Bill of Sale tat-trasferiment tal-bastiment '*Blade I*' ppregudika serjament l-Attur u potenzjalment jesponieh ghad-danni bhala r-rapprezentant legali tas-socjetà Blade One Yachts Limited liema kumpannija sanzjonat tali trasferiment minhabba l-fatt li Darmanin Kissaun dak iz-zmien ma kienx konsapevoli tal-fatti kollha kif hawnhekk elenkati, anzi gie moghti deliberatament informazzjoni falza. Inoltre, dan l-ghemil doluz u frawdolenti da parti tal-konvenut, potenzjalment jesponi lill-attur ghal danni vis-a-vis terzi ghax issa sar jaf bil-fatti li semmew fuq u bil-konsegwenza li issa jaf li r-registrazzoni tal-imsemmija bastiment ma kienitx wahda legalment valida li seta' jaghmel.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara n-nullità tal-Bill of Sale datat 28 ta' April tas-sena elfejn u ghaxra, (2010), ai termini ta' l-Artikolu 981 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta premess li l-konvenuti uzaw ghemil doluz fil-konfront ta' Roland Darmanin Kissaun, li kien l-azzjonista u r-rapprezentant tas-socjetà Blade One Yachts Limited, liema ghemil doluz irrizulta f'ingann illi minghajru Roland Darmanin Kissaun, bhala rapprezentant legali tas-socjetà ma kienx jaccetta tali Bill of Sale ghat-trasferiment tal-bastiment Blade I ghal fuq is-socjetà konvenuta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2012 din il-Qorti kif dakinhar preseduta laqgħet it-talba tal-attur u ordnat il-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-konvenuti.

Rat illi b'digriet tat-13 t'April 2012 il-Qorti ħatret lill-Avukat Dottor Noel Bartolo u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Noel Bartolo u l-PL Hilda Ellul Mercer fil-kwalità taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimati Blade One Yachts Limited socjetà registrata f'Malta u Peter u Yvonne konjugi Moore, li permezz taghha gie eccepit illi:

F'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik digà provduta fir-rikors guramentat.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tas-27 ta' Novembru 2012 permezz ta' liema l-Qorti kif dak inhar preseduta ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Anthony Galea bhala mandatarju specjali tal-assenti Peter u Yvonne konjugi Moore, li permezz taghha gie eccepit illi:

Il-fatti relatati mal-kawża odjerna huma s-segwenti:

Permezz ta' ftehim magħmul bejn il-konvenuti Moore u l-kumpannija estera MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi

(minn hawn il-quddiem imsejħa "MTH") fis-sena 2008, MTH kienet obbligat ruħha illi tlesti l-kostruzzjoni tal-bastiment MY Pantera 80 GT, liema kostruzzjoni kienet orginarjament inbdiet minn kumpannija oħra, ossija Pantera Moulding BV Shipyard iżda ma kenitx ġiet konkluża. MTH sussegwentement ikkonkludiet il-kostruzzjoni tal-bastiment in kwistjoni fid-9 ta' Settembru 2009, u dan kif jirriżulta mill-*Builders Certificate* maħruġ minn MTH (kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 5**).

Jiġi rilevat illi l-*Builders Certificate* surreferit maħruġ minn MTH jikkonferma ukoll illi 81% tal-binja kienet ġja ġiet magħmula minn Pantera Moulding BV Shipyard li filfatt ħarget ukoll *Builders Certificate* fl-14 ta' Ġunju 2006 (kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 13**).

Ftit wara l-kostruzzjoni tal-bastimenti surreferit, ġie ssuġġerit lill-konvenuti Moore, *qua* proprjetarji tal-bastiment MY Pantera 80 GT sabiex dawn tal-aħħar jirreġistraw l-imsemmi bastiment taħt il-bandiera Maltija, taħt l-isem ta' Blade 1, u sabiex jilħqu dan il-għan, huma ġew assistiti kemm minn MTH u kif ukoll minn ċertu Thomas Knott, li ġie introdott lill-konvenuti Moore mir-rappreżentant ta' MTH, is-Sur Mustafa Öntülmüs u dan peress illi l-konvenuti Moore ma kellhomx l-għarfien neċessarju sabiex jeffetwaw dina r-reġistrazzjoni mingħajr l-assistenza ta' persuni midħla tas-sistema ta' reġistrazzjoni ta' bastimenti.

Jirriżulta illi s-Sur Thomas Knott għamel kuntatt mal-attur sabiex dan tal-aħħar jieħu ħsieb illi titwaqqaf kumpannija bl-isem ta' Blade One Yachts Ltd, u dan sabiex il-bastiment Blade 1 ġjà MY Pantera 80 GT jiġi ttrasferit a favur ta' din l-istess kumpannija qabel ma jiġi reġistrat taħt il-bandiera Maltija.

L-attur talab lil Thomas Knott numru ta' dokumenti sabiex ikun jista' jipproċedi bir-reġistrazzjoni, fosthom il-*Bill of Sale* riferibbli għall-imsemmi bastiment (kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 3**), dikjarazzjoni mill-konvenuti Moore rigward ir-reġistrazzjoni tal-bastiment (kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 4**) u kif ukoll *Builders Certificate* tal-

bastiment in kwistjoni (kopja ta’ liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 5**).

Thomas Knott, wara illi ikkuntattja kemm lill-konvenuti Moore u kif ukoll lil MTH, għadda lill-attur id-dokumenti minnu rikjesti, flimkien ma’ xi dokumenti oħra bħal *Protocol of Delivery and Acceptance* (kopja ta’ liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 6**) u kif ukoll fattura maħruġa mill-konjuġi Moore riferibbli għall-bastimenti in kwistjoni (kopja ta’ liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 7**).

Il-konvenuti jiddikjaraw illi l-*Bill of Sale* datat 28 ta’ April 2010 ġie debitament redatt u ffirmat skond il-Liġi, u la l-konjuġi Moore u lanqas il-kumpannija Blade One Yachts Limited, *qua* l-uniċi partijiet fuq l-istess ftehim, ma għamlu użu minn xi ingann jew għemil doluż.

Jiġi rilevat illi l-imsemmija dokumenti ġew imħejjija bl-għarfien tal-persuni kollha fuq imsemmija, senjatament tal-konvenuti Moore, ta’ rappreżentanti ta’ MTH, ta’ Thomas Knott u tal-attur Roland Darmanin Kissaun. Dan l-għarfien da parti ta’ MTH jirriżulta, fost oħrajn, b’mod partikolari kemm mill-*Builders Certificate* datat 9 ta’ Settembru 2009 u kif ukoll mill-*Protocol of Delivery*, a bażi ta’ liema dokumenti saret il-*Bill of Sale* datata 28 ta’ April 2010.

L-attur għadda biex effetwa r-reġistrazzjoni tal-bastiment taħt il-bandiera Maltija.

Sussegwentement, Thomas Knott, talab lill-attur sabiex dan tal-aħħar jittrasferixxi l-ishma tal-kumpannija Blade One Yachts Ltd, li sa dakinhar kienu qegħdin jinżammu mill-attur stess, a favur tal-konjuġi Moore.

Dan sar peress li ftit taż-żmien qabel  dan it-trasferiment tal-ishma, inqala’ ċertu diżgwid bejn il-konvenuti Moore u MTH, liema diżgwid wassal biex ġiet intavolata kawża quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili kif diversament presjeduta fl-ismijiet MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi et vs.

Peter Moore et (662/2011 LFS), liema kawża għadha fl-istadju tan-notifika.

Jidher mir-rikors promotur tal-preżenti kawża illi l-attur qiegħed jistrieħ bi sħiħ fuq l-allegazzjonijiet magħmula mill-atturi fil-kawża surreferita (662/2011 LFS) u addirittura qiegħed jadotta bħala tiegħu l-affermazzjonijiet hemm magħmula, u f'dan ir-rigward, f'diversi istanzi, l-attur jikkwota verbatim mir-rikors sopra-indikat sabiex jittenta jiġġustifika l-bażi tal-kawża odjerna.

Huwa ferm inkwetanti, fl-umli fehma tal-esponenti, kif l-attur qiegħed jikkonferma bil-ġurament riproduzzjoni ta' dikjarazzjonijiet magħmula minn terzi f'kawża oħra, meta ċertament dawn il-fatti mhumiex magħrufa lill-attur di scentia propria.

Huwa ukoll ferm inkwetanti, fl-umli fehma tal-esponenti, kif l-attur ġjà jidher illi wasal għall-konklużjoni illi dak affermat mill-atturi fil-kawża 662/2011 LFS huwa korrett u fattwalment sostenibbli, meta ċertament dan mhuwiex il-każ stante illi, mhux talli l-attur innifsu qiegħed, f'dawk il-proċeduri jeċċepixxi illi t-talbiet attriċi fl-imsemmija proċeduri huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, iżda addirittura dik il-kawża għada fi stadju tant bikri illi għadhom lanqas biss bdew jinġabru l-provi.

Dan qiegħed jingħad ukoll in vista tal-fatt illi d-dokumenti kollha mitluba mill-attur sabiex jeffettwa r-reġistrazzjoni tal-bastimenti Blade 1 taħt il-bandiera Maltija mhux talli ġew debitament mgħoddija lill-attur, iżda addirittura numru minnhom inħarġu minn MTH stess, u ċioè l-kumpannija attriċi fil-kawża numru 662/2011 LFS. B'mod partikolari, il-konvenuti Moore jagħmlu referenza għall-*Builders Certificate* maħruġ minn MTH (kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 5**), liema *Builders Certificate* mhux talli jiċċertifika illi MTH kienet il-kumpannija illi kienet inkarigata mill-kostruzzjoni finali tal-bastiment in kwistjoni, iżda addirittura jikkonferma illi dan il-bastimenti inbena a favur il-konvenuti konjuġi Moore. F'dan l-istadju, il-konvenuti Moore jirrilevaw ukoll illi l-affermazzjoni magħmula mill-attur f'paragrafu numru wieħed u għoxrin (21) tar-rikors promotur, u ċioè illi l-*Builders Certificate*

inħareġ illegalment hija għal kollox inveritjiera u qarrieqa, u dan peress illi  kif jirriżulta mill-*Builders Certificate* innifsu, l-istess *Builders Certificate* jagħti rendikont dettaljat tal-istadji varji tal-kostruzzjoni tal-bastiment in kwistjoni: *"MY Pantera 80 GT, 81% of the boat completed in Pantera Moulding BV Shipyard / Netherlands on 2007.  But upon bankruptcy of the company, MY Pantera 80GT moved to the Neptunus Shipyard / Netherlands and 2% of the boat finished in here.  Finally moved to MTH Yacthting A.A. Antalya Free Zone / Turkey and 17% of the boat is totally completed in here at 09th September of 2009"*.

Minbarra l-*Builders Certificate* li għalih saret referenza fil-paragrafu preċedenti, il-konvenuti Moore jixtiequ jagħmlu referenza ukoll għall-*Protocol of Delivery and Acceptance* (kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok RDK 6**), liema dokument jikkonferma t-trasferiment tal-bastiment a favur il-konvenuti Moore.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti jeċepixxi bir-rispett:

Preliminarjament, l-attur m'għandux l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna, u dana peress illi, *inter alia*, fl-ewwel lok, l-attur ma kienx parti mill-ftehim ossija *Bill of Sale* li tiegħu qiegħed jitlob in-nullità, u fit-tieni lok, l-azzjoni odjerna ma ġġib l-ebda vantaġġ lill-attur illi qiegħed jipproponiha.

Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija għal kollox infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u dana peress illi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti ai termini tal-artikolu 981 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-konvenuti bl-ebda mod ma għamlu xi ghemil doluż, partikolarment wieħed illi seta' irriżulta f'xi ingann illi mingħajru l-attur, *qua* rappreżentant legali tal-kumpannija Blade One Yachts Limited, ma kienx jaċċetta l-*Bill of Sale* datat 28 ta' April 2010 relattiva għat-trasferiment tal-bastiment Blade I.

Għaldaqstant, it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda fl-intjier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Rat illi s-soċjetà konvenuta Blade One Yachts Limited baqgħet ma ppreżentatx ir-risposta tagħha għat-talbiet attriċi.

Rat illi fl-udjenza tal-11 t'April 2013 din il-Qorti kif diversament preseduta ħatret lill-Avukat Dottor Richard Sladden bħala perit legali sabiex jisma' l-provi u jirrelata.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'ordni tal-Prim Imħallef tat-22 ta' Jannar 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 li matulha din il-Qorti kif preseduta ordnat li l-atti tal-kawża bin-numru 662/2011AF fl-ismijiet **MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi et vs Peter u Yvonne konjuġi Moore et**, jiġu proviżorjament annessi mal-atti ta' din il-kawża in vista tal-fatt illi l-kawża 662/2011 hija konnessa u fuqha tista' tiddependi din il-kawża.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2018 din il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Thomas Knott.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2021 il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-perit legali l-Avukat Dottor Richard Sladden.

Rat l-atti kollha inkluż ix-xhieda ġià miġbura u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' nullità tal-Bill of Sale datat 28 ta' April 2010 stante allegat qerq imwettaq mill-konvenuti konjuġi Moore. L-attur ippremetta li t-talba tiegħu hija dovuta għall-fatt illi l-Bill of Sale intuża minnu fl-applikazzjoni sabiex il-vapur jiġi reġistrat taħt bandiera Maltija.

Waqt illi s-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi, il-konvenuti Moore eċċepew *in primis* in-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tal-attur stante illi apparti l-fatt li l-attur lanqas biss kien parti fuq il-Bill of Sale, l-attur mhu ser jikseb ebda vantaġġ personali minn dawn il-proċeduri.

Mill-provi jirriżulta illi l-attur kien azzjonista u direttur tas-soċjetà S&D Yachts Ltd li hija kumpannija bi speċjalizzazzjoni fir-reġistrazzjoni tal-bastimenti fir-reġistru Marittimu ta' Malta. Għall-ħabta ta' April 2010 Thomas Knott, *qua* rappreżentant u aġent tas-soċjetà MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (MTH) u tal-konvenuti Yvonne u Peter konjuġi Moore, talab lill-attur jinkorpora l-kumpanija Blade One Yachts Limited ai termini tal-Merchant Shipping Regulations. L-iskop wara din l-inkorporazzjoni kien sabiex eventwalment il-bastiment bl-isem 'Blade I' jiġi trasferit favur il-konjuġi Moore u wkoll sabiex jakkwista bandiera Maltija. Knott insista li din l-applikazzjoni kellha ssir b'mod urġenti u li għalhekk ma kienx hemm żmien sabiex tinġabar id-dokumentazzjoni relattiva. Talab għalhekk lill-attur sabiex jidher hu bħala azzjonista tal-kumpannija u dan sakemm tilħaq tinġabar l-informazzjoni u l-ishma jiġu trasferiti favur il-konvenuti Moore. Blade One Yachts Limited ġiet inkorporata fil-21 ta' April 2010.

In segwitu għall-inkorporazzjoni ta' Blade One Yachts Limited, l-attur beda jirċievi d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex il-bastiment jiġi reġistrat taħt bandiera Maltija. Fost id-dokumenti kien hemm ukoll Bill of Sale li jattesta li seħħ trasferiment tal-vapur favur is-soċjetà Blade One Yachts Limited. Dan il-Bill of Sale ġie mgħoddi lill-attur fit-28 ta' April 2010. Il-konjuġi Moore ipprovdew ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma li l-imsemmi bastiment qatt qabel ma kien ġie reġistrat mindu inxtara fid-9 ta' Settembru 2009. Provdew ukoll *builders' certificate* maħruġ minn MTH fid-9 ta' Settembru 2009 kif ukoll *Protocol of Delivery and Acceptance* datat 12 ta' Diċembru 2009 liema dokument jikkonferma li l-bastiment għadda mingħand MTH għal għand il-konvenuti Moore.

Il-bastiment akkwista reġistrazzjoni taħt il-bandiera Maltija b'effett minn Awwissu tas-sena 2010.

Fl-1 ta' Settembru 2010 l-attur iffirma *Declaration of Trust* permezz ta' liema ddikjara li kien qiegħed iżomm l-ishma fi Blade One Yachts Limited għan-nom ta' MTH. Intant, b'e-mail tat-18 ta' Awwissu 2010, l-attur irċieva struzzjonijiet mingħand Thomas Knott sabiex jittrasferixxi l-ishma li kellu fuq ismu fis-soċjetà Blade One Yachts Limited favur il-konvenuti Moore. In segwitu għal dan it-trasferiment inqala' diżgwid bejn is-soċjetà MTH u l-konvenuti konjuġi Moore tant illi ġew istitwiti proċeduri legali bin-numru 662/2011AF fl-ismijiet MTH Yatcilik Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi et vs Peter u Yvonne konjuġi Moore et. Tajjeb jingħad illi l-attur odjern kien imsejjaħ bħala konvenut fil-kawża bin-numru 662/2011 fejn fil-konfront tiegħu MTH talbet lill-Qorti tiddikjara *"illi t-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà Blade One Yachts Limited minn Roland Darmanin Kissaun bħala trustee favur il-konjuġi Peter u Yvonne Moore sar bi ksur tal-obbligi fiduċjarji ta' l-istess Roland Darmanin Kissaun qua trustee u f'kull każ għd-dannu u preġudizzju tas-soċjetà attriċi MTH bħala benefiċjarja assoluta tat-Trust maħluqa permezz tad-Declaration of Trust."*

In vista ta' dawn il-proċeduri legali, l-attur għażel li jagħmel riċerka sabiex jivverifika l-fatti u minn hemm irriżultalu li meta sar il-Bill of Sale tat-28 ta' April 2010 il-bastiment ma kienx għadu jifforma parti mill-assi tal-konvenuti Moore b'tant li allura ma setgħux jittrasferixxu l-bastiment favur Blade One Yachts Limited. Mir-riċerka li għamel l-attur irriżulta wkoll li kuntrarjament għal dak illi kienu ddikjaraw il-konvenuti, l-bastiment kien diġà ġie reġistrat f'George Town fis-sena 2006. Intant, il-konvenuti Moore reġgħu trasferew il-bastiment favur kumpannija terza.

L-attur jgħid illi abbażi ta' dak illi rriżulta lilu u ta' informazzjoni li kiseb mill-atti tal-kawża bin-numru 662/2011, iqis illi l-informazzjoni provduta lilu mill-intimati konjuġi Moore ma kienitx veritjiera.

L-attur jgħid illi fetaħ din il-kawża ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kap. 16 għar-raġuni li ħass ruħu aggravat fis-sens illi fil-fehma tiegħu il-konjuġi Moore inqdew bih sabiex jagħmlu t-trasferiment tal-bastiment. Jgħid għalhekk illi li kieku ma kienx għall-ingann

perpetrat mill-konvenuti Moore fil-konfront tiegħu, huwa ma kienx jaċċetta l-Bill of Sale.

Mill-atti jirriżulta li l-kawża bin-numru 662/2011 ġiet dikjarata deżerta.

Il-ġurisprudenza li tittratta l-materja tal-interess ġuridiku hija waħda estensiva u ormai kristallizzata. Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Mr Bookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entità estera, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Mejju 2011 liema sentenza, wara li għamlet ampja referenza għall-każistika ta' dawn il-Qrati, issintetizzat dawk illi huma l-elementi fondamentali tal-interess ġuridiku ta' parti f'kawża. Jingħad hekk:

*"- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]*
*- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`*

*- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*

- *Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv*."

L-interess ġuridiku huwa l-bażi tal-azzjoni u għalhekk jassumi importanza massima u determinanti għat-tkomplija ta' kawża għaliex huwa proprju dak l-interess li jirradika fl-applikant id-dritt għal-azzjoni legali.

L-ewwel element tal-interess ġuridiku jirrikjedi li l-interess irid ikun attwali b'dan għandu jinftiehem li l-attur għandu nteress personali li jkun preżenti fil-mument tal-intavolar tal-proċeduri u li dan jibqa' jissussisti matul il-proċeduri kollha għaliex la darba jintilef id-dritt għall-azzjoni legali jintilef ukoll id-dritt għas-smigħ tal-kawża.

Il-kawża ta' llum hija mmirrata lejn il-kisba ta' dikjarazzjoni ta' nullità tal-Bill of Sale abbażi ta' liema l-attur, fuq struzzjonijiet mogħtija lilu, għamel trasferiment tal-ishma u tal-bastiment minn Blade One Yachts Limited favur il-konvenuti konjuġi Moore. Il-Qorti tifhem li din l-azzjoni kienet instigata mill-kawża bin-numru 662/2011 li fiha Roland Darmanin Kissaun ġie ċitat bħala konvenut in kwantu allegatament kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu meta wettaq l-imsemmi trasferiment. Jidher ċar illi l-intenzjoni tal-attur meta nieda din il-kawża kien dak illi jekk jirnexxi f'din l-azzjoni ikollu mezz aktar b'saħħtu biex jiskolpa ruħu mill-allegazzjonijiet lanċjati fil-konfront tiegħu fil-kawża bin-numru 662/2011. Intant però bħala konvenut fil-kawża bin-numru 662/2011 huwa kellu l-opportunità li jiddefendi ruħu kontra l-allegazzjonijiet diretti fil-konfront tiegħu.

Il-Bill of Sale li tiegħu l-attur qiegħed ifittex li jikseb dikjarazzjoni ta' nullità huwa att li sempliċement jattesta bejgħ tal-bastiment mill-konvenuti konjuġi Moore lis-soċjetà konvenuta Blade One Yachts Limited. Il-partijiet fuq dak l-att kienu biss il-konvenuti Moore u Blade One Yachts Limited. L-attur ma kienx parti minn dak in-negozju.

L-Artikolu 981 tal-Kap. 16 li fuqu hija msejjsa l-azzjoni odjerna, jikkontempla l-għemil doluż bħala motiv ta' nullità ta' ftehim meta l-ingann imwettaq minn parti jkun tali li jinduċi lill-parti l-oħra tidħol f'dak il-ftehim. U jkun tali li mingħajr dak l-ingann

il-parti l-oħra ma kienitx tikkontratta. Fil-każ tal-lum, l-attur ma kienx wieħed mill-partijiet kontraenti fuq il-Bill of Sale li tiegħu qiegħed jitlob in-nullità. Isegwi għalhekk illi l-attur ma jistax jistrieħ fuq vizzju tal-kunsens sabiex jitlob in-nullità tal-att. La darba l-attur ma kienx parti fuq dak l-att, m'għandu ebda jedd fil-liġi li jitlob in-nullità abbażi tal-Artikolu 981 tal-Kap. 16. Semmai l-attur ġie mgħoddi dokumenti li jirritjeni inveritjieri, l-azzjoni attriċi ma kelliex tkun għan-nullità tal-Bill of Sale iżda għan-nullità tat-trasferiment tal-ishma li l-attur ġie mitlub jagħmel u għall-annullament tar-reġistrazzjoni tal-bastiment taħt bandiera Maltija.

Apparti l-fatt li l-azzjoni attriċi kienet destinata li tfalli stante l-fatt illi l-attur m'għandux id-dritt jitlob in-nullità ta' att li fih ma kienx parteċipi, il-Qorti tqis fattur ieħor li jwassal għan-nuqqas ta' interess ġuridiku ukoll tal-attur sabiex jipproponi din il-kawża. L-attur ibbaża l-azzjoni tiegħu fuq in-nullità tal-Bill of Sale biss dikjarazzjoni f'dan is-sens ma tista ġġib ebda utilità lill-attur dan apparti l-fatt illi l-Bill of Sale per se ma jirriżultax li b'xi mod jippreġudika lill-attur fid-drittijiet tiegħu. Kien ikun ferm differenti li kieku l-azzjoni proposta mill-attur kienet tkun għall-annullament tar-reġistrazzjoni minnu mwettqa abbażi tad-dokumentazzjoni provduta lilu mill-konvenuti konjuġi Moore. F'dak il-każ l-interess tal-attur kien ikun leġittimat mill-fatt li ried iħares l-interessi tiegħu *qua* fiduċjarju. F'dan il-każ però, tenut kont ta' kif l-attur għażel illi jimposta l-azzjoni odjerna, ma tistax din il-Qorti tara kif in-nullità tal-Bill of Sale tista' tibbenefika lill-attur fid-drittijiet tiegħu.

Għalhekk u ghal dawn ir-raugnijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti konjuġi Moore u tiċħad it-talba attriċi kif dedotta.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu kollha mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG